MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 637/2012

**Serolf Trading Agency Limited (C-32211)**
**Vs**
**Joseph Cassar Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta ghandha tigi kkundanata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tlett mitt ewro (€1,300) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici; bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura (Dok. A) kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-Socjeta’ konvenuta pprezentata nhar il-05 ta’ Novembru, 2012 li permezz taghha ddikjarat li kienet

qed tammetti t-talba limitatament sac-cifra ta' elf u mitt ewro (Eur 1,100) stante li kienu saru pagamenti ta' mitejn ewro (Eur 200) fil-mori tal-kawza.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici pprezentata nhar il-15 ta' Novembru, 2012, li biha irriduciet t-talba ghal elf u mitejn ewro (€1,200) stante pagament ta' mitt ewro (€100) biss fil-mori tal-kawza.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 15 ta' Novembru, 2012 mill-Avukat Claudine P. Zarb u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf u mitejn ewro (€1,200) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------